**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU 2627**

**Chairperson: Avv. Charmaine Cristiano Grech**

Kaz Numru: 3504/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Roderick Azzopardi (4186G)

U

Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C-48875)

Dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

Illum 6 ta' Novembru 2019

**Preliminari**

Ir-rikorrenti ippreżenta rikors fejn stqarr li beda jaħdem mal-kumpannija Arriva Malta Limited, illum magħrufa bħala Malta Public Transport Services (Operations) Limited, fl-10 ta' Ottubru 2012. Huwa qal li kien suġġett għal terminazzjoni ta' impjieg inġusta meta ġie mġiegħel u kostrett jirriżenja mix-xogħol hekk kif spjega fid-dikjarazzjoni tal-każ u kif ser jiġi spjegat fil-kors tal-proċeduri. Għaldaqstant huwa talab lit-Tribunal jiddikjara illi huwa ġie trattat b'mod inġust u għalhekk kien hemm terminazzjoni inġusta tal-impjieg tiegħu u kien imġiegħel u kostrett jirriżenja (constructive dismissal), toħroġ kull ordni u/jew rimedju neċessarju sabiex jiġi rimedjat din l-azzjoni inġusta u jillikwida kumpens ġust, u dan b'riserva għal kwalunkwe dritt li r-rikorrent huwa intitolat jieħu quddiem awtoritajiet kompetenti.

Fid-dikjarazzjoni tiegħu r-rikorrent spjega kif meta beda jaħdem mal-Arriva huwa kien xufier b'kuntratt indefinit bl-ewwel sitt xhur fuq prova. Sakemm kien xufier huwa qatt ma kellu problemi. Spjega kif ix-xogħol tiegħu, għal diversi raġunijiet kien stressanti u l-ħinijiet kienu inkrepattivi. Fis-17 ta' Frar 2016 huwa daħal xogħol bħal dejjem u wara li lesta wieħed mit-traġitti tiegħu kif irritorna lura t-terminal huwa ħassu ħażin u sab ruħu l-isptar. Wara ħafna testijiet mediċi irriżulta li dak li kien tah kienet *epileptic fit.* Din kienet l-ewwel darba li qatt tagħtu *epileptic fit* u minn dakinhar ħareġ bis-*sick leave*. Fis-26 ta' Frar 2016 kien invistah Dr. Curmi u dan ħariġlu ċertifikat li ma jistax isuq għal mill-anqas sena. It-tabib qallu li dak li kien tah probabbli kien riżultat tal-istress ikkawżat mix-xogħol u l-ħinijiet irregolari li kellu. Minħabba dan iċ-ċertifikat huwa ma

setax jibqa' jagħmel xogħlu ta' xufier u huwa kkuntattja lill-Union, lil Margaret Magrin fejn talabhom jintervjenu f'ismu. Fid-29 ta' Frar 2016 Roderick Bajada, mill-kumpannija kien infurmah li ma kienx hemm xogħol alternattiv mal-istess kumpannija. Il-kumpannija poġġietu fuq *sick leave* u meta spiċċalu ingħata erbat ijiem iktar *sick leave* mis-*sick leave bank* u għalhekk huwa spiċċa mingħajr introjtu. Minħabba l-istress kbir li kellu reġgħet tatu *epileptic fit* oħra f'April u meta reġa' rah Dr. Curmi qallu li ma jistax isuq aktar buses b'mod indefinit, minkejja li kien qed jieħu l-kura neċessarja. Il-union informatu illi l-kumpannija, legalment, kienet obbligata toffrilu xogħol alternattiv pero dan ma sarx. Safrattant komplew jagħtuh l-*epileptic fits* u żmien baqa' għaddej u hu ħass li l-kumpannija kienet qed tagħmel minn kollox biex iddejqu u ġġħelu jitlaq mix-xogħol. Meta kellem lill-KNPD dawn ukoll informawh illi l-kumpannija kienet obbligata toffrilu xogħol alternattiv. Meta kellem lil HR, Roderick Bajada, dan qallu li għandhom problema bih u li meta jkun jista' jerġa' jaħdem ta' xufier ikellmu, u meta qallu li qatt ma jista' jaħdem ta' xufier Bajada qallu li ma kellhomx xogħol x'joffrulu. Ir-rikorrent tant irrabja li saqsieh x'għandu jagħmel biex jinqata' mill-kumpannija u Bajada qallu jibgħat email u hekk għamel. Ir-rikorrent qal li tant kienet sitwazzjoni stressanti li tlett ijiem wara li bagħat din l-email reġa' spiċċa l-isptar. Hu qal li minħabba li l-kumpannija baqgħet ma offritlux xogħol, indirettament kienet keċċietu u stenniet sakemm il-problemi finanzjarji tiegħu jakkumulaw tant li jitfa' r-riżenja tiegħu.

Fir-risposta tagħha l-kumpannija ssottomettiet illi meta r-rikorrent tefa' r-riżenja tiegħu huwa għamel dan volontarjament u rrispondiet għar-riżenja tiegħu billi aċċettat tali riżenja u għaldaqstant kienet qegħda tħallsu s-salarji kollha dovuti lejh u dan "*in full and final settlement*" u fl-istess *termination letter* għamlitha ċara li *"By acceptance of this letter you hereby confirm you have no further pretenses against the Company".* Għaldaqstant il-kumpannija sostniet li in linea preliminari t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom stante illi huwa kien irrinunzja għalihom meta aċċetta l-ħlas in kwistjoni. In kwantu tal-mertu l-kumpannija ċaħdet illi r-riżenja tar-rikorrenti kienet riżultat ta' xi aġir tagħha, u li hu ċar li huwa rriżenja minn jeddu u talab sabiex jiġi tterminat mill-kumpannija sabiex ikun jista' jirċievi l-benefiċċji soċjali. Il-kumpannija qalet ukoll li fl-ebda mument u fl-ebda każ ma jista' jingħad li r-rikorrent ġie sfurzat jirriżenja, anzi dejjem għamluha ċara li jekk huwa jiġi ċċertifikat li jista' jagħmel xogħol ta' xufier kienu disposti jaċċettawh lura. Inoltre huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza illi sabiex jissussisti każ ta' *constructive dismissal* irid jiġi ppruvat li l-prinċipal naqas mill-obbligi bażillari tiegħu kif esposti fil-kuntratt tax-xogħol tal-impjegat. Is-soċjeta rrilevat ukoll li għalkemm jeżistu obbligi legali ai termini tal-Kap. 413, l-istess Kap. 413 ma jimponix obbligu wiesgħa u ġeneriku li jingħata xogħol ieħor lil kull min ibati minn kundizzjoni medika imma timponi obbligu ta' 'akkomodazzjoni raġjonevoli' għal persuni b'diżabbilita. Li kieku stess ir-rikorrent ibati minn xi diżabilita l-obbligu legali kien li tagħmel akkomodazzjoni raġonevoli sabiex impjegat ikollu aċċess għax-xogħol u mhux tivvinta kariga ineżistenti għar-rikorrenti. Is-soċjeta ukoll tenniet illi għalkemm stiednet lir-rikorrent sabiex jissuġġerixxi kariga ta' xogħol alternattiv li huwa kapaċi jagħmel huma baqgħu mingħajr risposta. Ir-rikorrent qatt ma ressaq ilment formali jew *grievance* dwar il-fatt li ma ingħatax xogħol alternattiv u li kieku sar dan qabel huwa rriżenja di *sua sponte*, kienet issir investigazzjoni formali dwar dan.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' differimenti mitluba mill-partijiet kif ukoll ċirkostanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

**Sinteżi tax-xhieda**

Sandro Vella, Segretarju fi ħdan il-General Workers' Union, xehed dwar l-għajnuna li bħala union kienu taw lir-rikorrenti, fejn huma kienu għamlu talba formali sabiex jiġi estiż is-*sick leave* u anke biex forsi jagħtuh xogħol alternattiv minħabba li ma setax isuq. Ix-xhud qal li Roderick Bajada, HR manager, verbalment kien qallu li Għawdex diffiċli minħabba li hemm numru limitat ta' ħaddiema jaħdmu hemm u x-xhud kien issuġġerixxa ċ-Ċirkewwa.

Raymond Tewma, permezz ta' affidavit qal li kien impjegat bħala xufier mal-Malta Public Transport Services (Operations) Limited u waqaf minn magħhom f'Jannar 2016. Huwa kien *shop steward* u kien jirrappreżenta d-drittijiet tal-ħaddiema f'Għawdex. Hu qal li kien jara diversi inġustizzji għaliex Godfrey Attard, il-manager, kien jimxi b'mod diskriminatorju mal-ħaddiema b'riżultat li ċertu xufiera kienu jibqgħu b'xifts antipatiċi u x-xifs komdi kienu jibqgħu għand l-istess klikka ta' xufiera u kien minħabba dawn id-diskriminazzjonijiet li huwa kien telaq.

Mario Cutajar permezz ta' affidavit qal li kien xufier minn Awwissu 2015 sa Awwissu 2016 u lir-rikorrent kien jafu qabel u sar jafu aktar meta kienu jaħdmu flimkien. Hu qal li qatt ma sema' lir-rikorrent igerger jew jgħid li jrid jitlaq mix-xogħol u kien jisma' tifħir fuqu. Fis-17 ta' Frar 2016 huwa kien fit-terminus tar-Rabat, Għawdex ma' Marcel Meilaq li kien dispatcher u ra lir-rikorrent jipparkja l-bus u jidħol fl-uffiċċju bi flixkun tal-ilma vojt f'idu. Wara ftit sema' lil Sammy jgħajjat għal assistenza u hu u Marcel marru jiġru u sabu lir-rikorrent mimdud mal-art. Marcel tefa' l-ilma fuq wiċċu u wara ftit fetaħ għajnejh iżda x'ħin kellmuh ma weġibhomx. Wara ftit ġiet l-ambulanza u n-nurses bdew ikellmuh imma baqa' ma jkellimhomx u ħaduh l-isptar. Wara dan ma baqax jara lir-rikorrent jiġi x-xogħol biex isuq il-buses.

Wiliana Azzopardi, permezz ta' affidavit, il-mara tar-rikorrenti, qalet li kienet ilha tafu mill-2002 u qatt ma kien ibati minn mard jew kundizzjonijiet mediċi. Huwa dejjem kien entużjast għax-xogħol u qatt ma kien igerger. Fis-17 ta' Frar 2016 hija rċeviet telefonata mill-isptar fejn qalulha li żewġha kien ħassu ħażin. It-tabib Dr. Curmi għamillu ċertifikat li ma jistax isuq għal sena u bdew isirulu ħafna testijiet u MRI. Il-General Workers' Union, f'isem ir-rikorrent, għamlet talba sabiex jingħata xogħol alternattiv. Ftit wara r-rikorrent tatu fit oħra u saret konferma illi huwa kien isofri mill-*epilepsy* u ħariġlu ċertifikat li ma jistax isuq vetturi kbar jew bil-passiġġiera b'mod indefinit. Hi u r-rikorrent baqgħu f'kuntatt mal-union '*fejn kienu jisħqu li kien hemm xogħol li huwa idoneju għal kapaċitajiet, ħiliet u l-kundizzjoni medika ta' Roderick iżda ma kienx qiegħed jiġi offrut lilu.*' Wara żmien jitħabtu hija tkellmet ma' Margaret Margin u din qaltilha li kien hemm ċertu Godfrey Attard li kien qiegħed iżomm milli Roderick jingħata xogħol lilu. Il-union kienet ħadet lir-rikorrenti l-Leap Office biex ikellem rappreżentant mill-uffiċċju tal-Prim Ministru fejn baqgħu jinsistu li xogħol alternattiv għar-rikorrent kien hemm. Huma ħassew li l-kumpannija kienet qed tagħmel ħilitha kollha sabiex ir-rikorrent jiddejjaq bla xogħol u bla paga u ġġiegħlu jitlaq mix-xogħol. Meta kellmu rappreżentanta tal-Kummissjoni Nazzjonali għal Persuni b'Diżabilita kienu qalulhom li

skont il-liġi kellhom joffru xogħol alternattiv. Hija qalet li kienu għaddejjin minn diffikultajiet finanzjarji kbar u meta r-rikorrent tkellem ma' Roderick Bajada, dan kien qallu li ma kinux disposti joffru xogħol alternattiv għaliex ma kienx hemm. Ir-rikorrent talab lil Bajada sabiex jirriżenja u dan qallu ibgħat email f'dan is-sens u jannetti ċertifikat mediku. In kontro eżami qalet li dejjem baqgħu jistennew xogħol ieħor mill-kumpannija u għalhekk qatt ma seta' jirreġistra.

Michael Saliba, permezz ta' affidavit qal li huwa kien ilu xufier mal-kumpannija għal madwar sena u nofs. Qal li lir-rikorrent jafu minn fuq ix-xogħol bħala xufier u kien jafu bħala bniedem tal-affari tiegħu u xogħlu jagħmlu sew. Fis-17 ta' Frar 2016 kien xogħol normali u meta rritorna lura ġewwa t-terminus tar-Rabat ra ambulanza titlaq mill-post. L-għada kien mar iżur lir-rikorrent l-isptar fejn qallu li kien għadhom ma jafux xi ġralu u li kien ser iżommuh l-isptar. Ir-rikorrent kien qallu li ma jistax isuq aktar. Dak iż-żmien kien hemm post ta' dispatcher u route suprevisor u hu stenna li joffru dawn il-posts lir-rikorrent iżda meta kellmu hu qallu li ħadd ma avviċinah minkejja li kien ilu jiġri warajhom sabiex joffrulu xogħol ieħor apparti dak ta' xufier. Saliba qal li hu kien shop steward u kien hemm diversi xufiera jgergru miegħu fuq kif kienu jiġu trattati u kif kienet titqassam ir-roster għaliex ma kinitx tkun imqassma b'mod ekwu u ġust. Huwa qal li l-kumpannija ma timxix b'mod ġust u anke kienet diskriminatorja miegħu għaliex huwa kien shop steward. Wara sar jaf li r-rikorrent kien kostrett jitlaq minħabba li ma kellux introjtu u ma kienx ilaħħaq mal-ispejjeż tal-ħajja. In kontro eżami x-xhud qal li l-kumpannija ħarġet karta li kien hemm il-posts xi xahar wara minn meta r-rikorrent kellu l-inċident. Ix-xhud qal li kien *shop steward* tal-UĦM u kien hemm inġustizzji fir-roster li setgħu tranġaw u ma tranġawx u kien hemm problemi oħra.

Dr. Victor Curmi, permezz ta' affidavit, qal li r-rikorrent kien ilu pazjent tiegħu minn Frar tas-sena 2016 u sal-lum investigah diversi drabi. Invistah l-ewwel darba fis-17 ta' Frar 2016 fl-emerġenza tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex u dakinhar qallu li probabbilment kien sofra minn *epileptic fit.* Huwa staqsieh jekk kienx isofri minn xi stress f'ħajtu u qallu li kien jaħdem bħala xufier mal-kumpannija li topera s-servizz pubbliku u kellu ħinijiet irregolari u dan qed jagħmillu stress. Dr. Curmi qal li kien hemm possibilta kbira li kienu l-ħinijiet tax-xogħol li kienu qed jaffetwawh pero ma setax ikun ċert mija fil-mija. Huwa ħariġlu ċertifikat li ma jistax jaħdem bħala xufier tal-buses, għall-ġid tiegħu u tal-passiġġiera li jkollu miegħu. Dr. Curmi baqa' jara lir-rikorrent u jagħmillu t-testijiet u bdielu ukoll xi mediċina pero xorta baqgħu jagħtuh l-attakki. Matul il-visti huwa kien jarah stressjat għaliex il-kumpannija ma kinitx offrietlu xogħol alternattiv u allura ma kellux sors ta' dħul finanzjarju. In kontro eżami Dr. Curmi xehed li huwa konsulent tal-mediċina interna fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u huwa responsabbli minn tim ta' tobba. Dr. Curmi ta rijassunt tal-kundizzjoni tar-rikorrent u t-trattament li kien tah. Mistoqsi jekk fil-kamp mediku l-*epilepsy* hijiex ikkunsidrata bħala diżabbilta Dr. Curmi wieġeb li le minħabba li llum hija kkontrallata bil-mediċina. Mistoqsi mit-Tribunal jekk il-kundizzjoni tar-rikorrent taffetwalux il-kwalita ta' ħajtu in ġenerali Dr. Curmi wieġeb li iva għaliex għalkemm jieħu mediċini, l-ebda trattament ma huwa garanzija li terġa' taqbdek fit. Mistoqsi jekk il-kundizzjoni toħloqx limitazzjonijiet fil-ħajja ta' persuna Dr. Curmi reġa' wieġeb illi iva għaliex hemm ir-riskju waqt li ttik fit, tista' taqa' u tweġġa' per eżempju, jew tkun issuq u taħbat.

Oliver Scicluna, Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita, permezz ta' affidavit qal li f'Awwissu 2016 kien ikkuntattjat permezz ta' Facebook minn Wiliana Azzopardi fejn għamlitlu

mistoqsijiet dwar żewġha Roderick Azzopardi. Huwa kien qalilha li persuna ma tistax titkeċċa jew tiġi ddiskriminata minħabba l-qagħda medika tagħha, anzi, persuna għandha dritt li tingħata xogħol alternattiv f'każ li ma tibqax kapaċi tagħmel ix-xogħol li kienet tagħmel qabel u dan huwa dritt li joħroġ mill-Kap. 413 tal-Liġijiet ta' Malta. Milli kienet qaltlu Wiliana, Scicluna qal li huwa ħass li kienet qed issir inġustizzja u għalhekk kien għaddielha l-kuntatt ta' Victoria Grech u meta sar jaf li r-rikorrent kien Għawdxi għadda lil Wiliana n-numru tal-uffiċċju li għandhom Għawdex ħalli ma jkollux għalfejn jiġu Malta. Wara dan, ma kellux aktar kuntatt ma' Wiliana. In kontro eżami, s-Sur Scicluna xehed li qatt ma sar ilment formali mal-Kummissjoni pero bħala Kummissjoni huma jieħdu kull ilment bħala formali u f'dan il-każ kien sar ilment informali miegħu bħala Kummissarju. Huma qatt ma intalbu jagħmlu investigazzjoni u għaldaqstant ma kinux kellmu lill-kumpannija. Ix-xhud spjega li xogħol alternattiv skont il-liġi huwa parti minn 'reasonable accomodation'. Ix-xhud qal li lill-mara tar-rikorrent kien irreferiha għand uffiċċjal tal-Kummissjoni f'Għawdex u meta kienu tkellmu magħhom din uriethom il-liġi tal-opportunitajiet indaqs. Ix-xhud ikkonferma illi r-rikorrent kien reġistrat magħhom, li tfisser li huwa reġistrat bħala persuna b'diżabilita. Sabiex persuna jiġi reġistrat mal-Kummissjoni huwa jippreżenta ċertifikati mediċi u dawn jikkonfermawhom it-tobba tal-Kummissjoni. Ix-xhud ikkonferma li l-epilepsy hija waħda mill-kundizzjonijiet li wieħed jista' jirreġistra bħala persuna b'diżabilita, pero persuna li għandu epilepsy u ma jirreġistrax mal-Kummissjoni ma jfissirx li ma huwiex persuna b'diżabilita.

Roderick Bajada, Human Resources Director, xehed li kien ilu f'dik il-kariga minn Marzu 2015. Dwar il-każ ta' Roderick Azzopardi huwa qal li fi Frar 2016 kien irċieva ċertifikat mediku li kien ibagħti minn epileptic fits u ma setax isuq buses. Huwa qal li kien ġie kkuntatjat mill-union sabiex jagħtuh aktar sick leave u huwa laqa' din it-talba u tawh ħamest ijiem oħra mill-fond li għandhom apposta għal min ikollu dan it-tip ta' kundizzjonijiet. Huwa kien irċieva ukoll talba mingħand Sandro Vella mill-GWU sabiex isibu xogħol alternattiv għas-sur Azzopardi u huwa kien qallu li f'dak il-mument ma kienx hemm vacancy għas-sur Azzopardi speċjalment għaliex huwa kien jgħix Għawdex u hemmhekk kull m'hemm ħamsa u erbgħin impjegat u allura hija aktar diffiċli. F'Malta għandhom viċin l-elf impjegat. Mistoqsi dwar l-email mibgħuta mir-rikorrent, ix-xhud qal li bħala HR Director huwa kien ikkunsidra bħala riżenja u għamel il-proċeduri kollha normali. Huwa ma ġiex itterminat min-naħa tal-kumpannija imma kienet rikjesta tiegħu sabiex jiġi tterminat on medical grounds. Id-data tat-termination form kienet 3 ta' Awwissu. Minn Frar sa Awwissu huma baqgħu għaddejjin normali, kien fuq sick leave u huma fl-ebda mument ma kellhom intenzjoni li jitterminawlu l-impjieg. Wara t-terminazzjoni huma rċivew ittra legali u rrispondew permezz ta' ittra legali fejn talbu lis-Sur Azzopardi sabiex jgħidilhom f'liema rwol kien jaħseb li kapaċi jokkupa fil-kumpannija, pero qatt ma rċivew risposta sakemm irċivew ittra sabiex jidhru quddiem it-Tribunal. Mistoqsi kemm-il każ simili jkollha l-kumpannija u kif jieħdu ħsieb każijiet simili, x-xhud qal li jkollu bejn għaxar u tnax-il każ simili, mhux ta' epilepsy, imma ta' każijiet fejn xufier ma jkunx jista' jsuq bus. Huwa qal li jibbaża d-deċiżjoni fuq dak li jgħidulhom it-tobba. Huwa spjega li huma ma jistgħux ikollhom xufier li jkollu kundizzjoni li tipperikola n-nies li jużaw it-trasport pubbliku. Fil-fatt meta jimpjegaw xufiera ġodda ikollhom jgħaddu minn test mediku u saru anke jagħmlu test mediku darba f sena lix-xufiera kollha. Hemm każijiet fejn jitolbu impieg alternattiv u skont x'ikun kapaċi jagħmel hemm min jaħdem bħala inspectors, bħala route supervisors u forsi xi xogħol klerikali. Ir-rikorrent kien stazzjonat Għawdex u sfortunatament n-numru ta' opportunitajiet f'Għawdex huma estremament limitati, fil-fatt kull ma hemm huma ħamsa u

erbgħin impjegat, filwaqt li f'Malta hemm fuq elf ruħ. Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrent qatt ma qajjem grievance taħt il-Grievance Policy li hemm fil-Ftehim Kollettiv qabel huwa rriżenja. In kontro eżami mistoqsi dwar x'tip ta' xogħol alternattiv seta' kien hemm għar-rikorrent, ix-xhud qal li Għawdex tant hu operat żgħir li l-opportunijiet kienu limitati u kien għalhekk illi huma talbuh jgħidilhom x'jista' jagħmel Għawdex pero qatt ma rċivew risposta. Mistoqsi jekk kinitx intbagħtet ittra lir-rikorrent fejn talbuh jirritorna l-uniformi u jiħbor l-aħħar pagament 'in full and final settlement u li ma baqagħlux aktar pretensjonijiet' ix-xhud qal li fuq dan il-każ partikolari ma jiftakarx pero li hu żgur li l-proċedura tagħhom hija li l-aħħar pagament isir b'ċekk.

Marcel Vella, Route Supervisor, qal li kien jaf lir-rikorrent bħala xufier. Xehed x'kien ġara dakinhar tal-inċident fejn kien ra lir-rikorrent mixħut mal-art u huwa kien ċempel għall-ambulanza. Minn dak inhar qatt ma kien reġa' rah ix-xogħol. Qabel li kien Route Supervisor, ix-xhud kien Despatcher u kellu din il-kariga mill-2011 sal-2015 imbagħad ħa promotion għal Supervisor. Huwa kien ingħata din il-kariga wara li kien resaq għal interview. Kien hemm vacancy u hu kien applika għaliha. Bħala kwalifiċi huwa kellu l-edukazzjoni biss, jiġifieri għamel sa Form 5 u ma għandux O levels.

Stefan Scicluna, Controller fil-Control Room xehed li kien ilu mal-kumpannija sitt snin. Hu qal li dar ħafna rwoli u ħafna postijiet. Kull meta kellu rwol differenti dejjem kien għamel intervista. Mistoqsi jekk biex ħa l-kariga ta' Despatcher f'Għawdex fl-2016 għamilx intervista, x-xhud qal li ma jiftakarx. Ix-xhud qal li għandu l-O levels.

Cleaven Scicluna, permezz ta' affidavit qal li huwa kien jaf lir-rikorrent bħala xufier u kien jaf bl-attakk tal-eplilepsy li kien tah u li qatt ma reġa' daħal xogħol wara. Huwa kien tkeċċa mix-xogħol f'Lulju 2017 għaliex Godfrey Attard, il-Manager f'Għawdex kien qallu li kien qabeż is-speed limit u tkeċċa. Scicluna spjega kif Attard kien jimxi b'mod diskriminatorju mal-ħaddiema. Jaf li bejn Frar 2016 u Awwissu 2016 kien hemm post ta' route supervisor u huwa kien ħaseb li ser joffruh lil Roderick Azzopardi pero daħal xi ħadd ieħor u dan kien biċċa waħda ma' Godfrey Attard. Scicluna qal li meta kien hemm wieħed li weġġa' siequ u ma setax isuq, għaliex kien biċċa waħda ma' Attard, huwa kien jaħdem bħala despatcher u "Dan kien ġie akkomodat mill-ewwel minn Godfrey". In kontro eżami x-xhud qal li Attard kien jgħid li hu kien jikkmanda hemmhekk. Mistoqsi jekk kienx jaf min jieħu d-deċiżjonijiet ix-xhud baqa' jinsisti li Attard dejjem qal li hu kien jikkmanda. Ix-xhud qal li Attard seta' jagħti xogħol ieħor lir-rikorrent, seta' ġabarlu l-leave kif kienu għamlu għal ħaddieħor. Mistoqsi kienx jaf x'jismu l-persuna li rrefera għalih fl-affidavit, ix-xhud qal li dan kien Salvu Meilak u kellu subajgħ il-kbir miksur. Wara li għaddielu huwa rritorna jsuq.

Margaret Formosa, rappreżentanta tal-General Workers' Union f'Għawdex spjegat kif wara li tah l-attakk u ma setax isuq hija kienet ippruvat tgħin lir-rikorrent biex jingħata xogħol alternattiv. Kienu jgħidulha iva iva ħa nirranġawlu imma xorta ma kien ikollhom l-ebda risposta. Godfery Attard kien dejjem isib l-iskużi li m'hemmx vacancies.

In kontro eżami r-rikorrent ikkonferma li t-tabib kien qallu li s-sors tal-fits jistgħu ikunu l-istress tax-xogħol. Mistoqsi għalfejn kien qal li ma kienx stmat daqs ħaddieħor huwa spjega kif kienu

jinħadmu r-rosters u avolja kienu jibgħatu ilmenti qatt ma ġara xejn. Ix-xhud qal li minn xi erbgħin xi tnax-il ħaddiem kienu qrib ta' Attard. Huwa ikkonferma li l-kumpannija tagħtu erbat ijiem sick leave żejda mil-leave bank tal-kumpannija. Ir-rikorrent qal li l-kumpannija missha tatu xogħol alternattiv u kienet taf li kien hemm xogħlijiet ta' Despatcher u Route Supervisor ħerġin. Ix-xhud qal li f'Mejju tal-2017 għenuh isib xogħol il-Lino Spiteri Foundation u kien jaħdem erba' sigħat kuljum, imbagħad f'Settembru daħal jaħdem full time.

**<u>Sottomissjonijet</u>**

Permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet, ir-rikorrent daħal fid-dettall fil-kunċett ta' constructive dismissal, liema definizzjoni legali tagħha ma teżistix f'Malta pero l-kunċett jeżisti u huwa żviluppat fil-ġurisprudenza. Ir-rikorrent ikkwota il-ġurist Selwyn u I.T. Smith u J.C. Woods. Ir-rikorrent ikkwota wkoll sentenzi tal-Qrati Maltin kif ukoll deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali u tenn li r-rekwiżiti li jammontaw għal constructive dismissal jissussistu fil-każ odjern. Saret referenza għal diversi xhieda li kollha xehdu li xogħol alternattiv għar-rikorrent kien hemm pero dan ma ingħatax lilu kif ukoll għax-xhieda li qalu li s-sors tal-problema kienet Godfrey Attard. Il-kumpannija qatt ma tellgħet lil Attard jixhed u straħet biss fuq ix-xhieda ta' Roderick Bajada. Ir-rikorrent qatt ma ġie infurmat mill-kumpannija li kien hemm post u sar jaf meta kien tard wisq. Ix-xhud Michael Saliba, li kien shop steward, ukoll ikkonferma li waqt li r-rikorrent kien barra jistenna xogħol, kien hemm post ta' despatcher u route supervisor. Saret referenza għax-xhieda tal-Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita, Oliver Scicluna, fejn ikkonferma li kumpannija għandha l-obbligu toffri xogħol alternattiv u li ikkonferma ukoll illi r-rikorrent huwa persuna rreġistrata bħala persuna b'diżabilita mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita. Saret referenza għax-xhieda ta' Roderick Bajada fejn qisu eskluda a priori li f'Għawdex kien hemm vacancies għar-rikorrent, liema fatt ġie kontradett minn xhieda mressqa mir-rikorrent. Minħabba li r-rikorrent kien spiċċa mingħajr introjtu huwa ma kellu l-ebda triq ħlief li jirriżenja minħabba l-aġir tal-kumpannija u għaldaqstant jissussitu l-elementi ta' constructive dismissal.

Is-soċjeta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha saħqet li l-kundizzjoni tar-rikorrent hija waħda li toħroġ għall-għarrieda u ma kinitx ikkawżata minnha kif ipprova jagħti x'jifhem ir-rikorrent u dan xehdu t-tabib tar-rikorrenti. Fejn tidħol ix-xhieda tas-Sur Oliver Scicluna, is-soċjeta kkontendiet illi meta dan qal li l-kumpannija aġixxiet b'mod diskriminatorju huwa aġixxa b'nuqqas ta' professjonalita u kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali għaliex huwa ma ppruvax jottjeni spjegazzjoni jew tweġiba min-naħa tas-soċjeta. Fir-rigward ta' akkommodazzjoni raġjonevoli, fin-nuqqas ta' ġurisprudenza Maltija fuq dan il-punt, saret referenza għall-każ Zammit Dimech vs. Cherry Limited, fejn it-Tribunal għamel referenza għall-Employment Statutory Code of Practice maħruġ mill-Equality and Human Rights Commission Ingliża fejn jispjega l-kunċett ta' reasonable adjustment fl-Ingilterra. Skont is-soċjeta hija mxiet mar-rakkomandazzjoni ta' dan il-Code of Practice fejn tgħid *"For example: An employer should consider whether a suitable alternative post is available for a worker who becomes disabled (or whose disability worsens) where no reasonable adjustment would enable the worker to continue doing the current job. This might also involve retraining or other reasonable adjustments such as equipment for the new post or a transfer to a position on a higher grade."* Skont is-soċjeta hija għamelt dan meta kkunsidrat jekk kienx hemm

xogħol alternattiv fejn ried ir-rikorrent u ċjoe Għawdex u kkomunikat li ma kienx hemm vacancies dak iż-żmien għar-rikorrent. Huma kkontendew illi r-rikorrent ressaq ħafna provi ċirkostanzjanzali, detto del detto u mhux sostanzjati meta ppruvaw ipenġu stampa li kien hemm favoreġġjament jew preferenzi mill-management f'Għawdex. Is-soċjeta ukoll saħqet li hemm differenza massiva bejn l-operat f'Malta u dak f'Għawdex u kien f'dan l-isfond ta' operat żgħir ħafna ikkunsidrat raġjonevolment jekk kienx hemm xogħol ieħor li seta' jagħmel ir-rikorrent u kien f'dak il-kuntest illi wara li r-rikorrent irriżenja minn jeddu illi hija offriet li tidħol f'diskussjonijiet meigħu sabiex tinstab soluzzjoni. Fir-rigward tal-constructive dismissal saret referenza għall-ġurisprudenza Maltija u għat-test magħruf bħala l-"contract test" li kien ġie stabbilit fil-kawża Ingliża 'Western Excavating' fejn il-Qorti Ingliża tenniet li constructive dismissal jirriżulta meta jkun hemm *"conduct which is a significant breach going to the root of the contract of employment; or which shows that the employers no longer intends to be bound by one or more of the essential terms of the contract; then the employee is entitled to treat himself as discharged from any further performance."* Dan it-test ġie ssupplimentat ukoll bir-*reasonableness test* li ġie ukoll ikkreat mill-Qrati Ingliżi fil-Woods Case fejn il-Qorti tenniet li flimkien mal-fundamental breach tal-kuntratt m'għandux ikun hemm ukoll aġir ta' min iħaddem illi jwassal sabiex impjegat jiġi squeezed out mill-post tax-xogħol u fejn min iħaddem. Għaldaqstant skont il-każistika Ingliża u dik Maltija jeżistu żewġ istanzi li jistabilixxu l-constructive dismissal – jew ksur fundamentali tal-kuntratt tax-xogħol jew aġir mhux raġjonevoli u sproporzjonat li jkun ikkalkolat u maħdum sabiex jiddanneġġa u jħassar ir-rapport ta' fiduċja bejn il-ħaddiem u min iħaddem. Il-kummpannija rrieteniet li mill-provi pordotti mhux talli s-soċjeta ma għamlet l-ebda ksur fundamentali tal-kuntratt jew aġiexxiet b'mod kalkulat u maħdum sabiex jiddanneġġa r-rapport tagħha miegħu iżda għamlet dak kollu li setgħet tagħmel u ppruvat taġevolah sabiex jibqa' fl-impjieg mas-soċjeta. Saret ukoll referenza għal każistika li tgħid li sabiex ikun hemm stabbilit constructive dismissal meta impjegat jirriżenja irid jagħmilha ċara illi qed jagħmel dan minħabba nuqqas ta' min iħaddem, u f'dan il-każ huwa ċar mix-xhieda prodotta u d-dokumentazzjoni preżentata illi r-riżenja ma saritx on protest iżda kienet riżenja libera, ħielsa, meqjusa u bl-ebda mod forzat min-naħa tal-impjegat. Element ieħor tal-constructive dismissal stabbilit fil-ġurisprudenza huwa dak li r-reazzjoni tal-ħaddiem għall-allegat ksur tkun waħda immedjata u meħuda tempestivament u f'dan il-każ ir-rikorrent irriżenja ħames xhur wara li Roderick Bajada infurmah li ma kienx hemm xogħol alternattiv għalih ġewwa Għawdex u qatt ma saret girevance jew complaint formali mir-rikorrent.

**<u>Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal jinnota li ma kienx hemm diverġenza bejn il-partijiet dwar il-fatti tal-każ. Il-partijiet qablu li r-rikorrent kien impjegat bħala xufier u meta beda jsofri bl-*epilepsy* dan ma kienx f'sitwazzjoni fejn seta' jkompli jsuq il-karozzi tal-linja u għaldaqstant wara li ġie eżawrit is-*sick leave* huwa ingħata ħamest ijiem *special leave* imbagħad kien fuq *unpaid leave*. Ir-rikorrent talab li jingħata xogħol alternattiv u l-kumpannija insistiet li minħabba li l-operat f'Għawdex kien wieħed żgħir ma kienx hemm vaganzi għalih. U hawnhekk fejn il-partijiet ma bdewx jaqblu bejniethom, bir-rikorrent jinsisti li vaganzi kien hemm u l-kumpannija missha informatu b'dan u l-kumpannija ssostni illi vaganzi kien hemm u meta kien hemm kien hemm *notice* fuq *notice board* u missu applika. Ir-rikorrent qal li spiċċa kellu jirriżenja meta għaddew kważi sitt xhur u baqa' ma

ingħatax xogħol. Ir-rikorrent saħaq li r-riżenja tiegħu kienet waħda furzata minħabba l-mod ta' kif ġie trattat mill-kumpannija u għaldaqstant tammonta għal constructive dismissal.

Iż-żewġ partijiet daħlu fid-dettall dwar *constructive dismissal* u ikkwotaw ġurisprudenza Maltija u Ingliża dwar liema elementi jwasslu għal *constructive dismissal*. *Constructive dismissal* jissussisti meta l-azzjoni u/jew l-ommissjoni ta' min iħaddem tikkrea ambjent tant diżmali u mhux aċċettabbli li l-impjegat ma jkollu l-ebda triq oħra ħlief li jirriżenja. Skont ir-rikorrent il-fatt illi huwa ma ġiex offrut xogħol alternattiv u skont ix-xhieda li ġiet ippreżentata meta kien hemm xufier ieħor li ma setax isuq minħabba raġuni ta' saħħa huwa Godfrey Attard, il-manager f'Għawdex kien immedjatament tah xogħol ieħor bħala despatcher, a kuntrarju tar-rikorrent li għamel sitt xhur jistenna sakemm irriżenja.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ir-rikorrent ma kellux tort meta irriżenja tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' kif ġraw l-affarijiet, u ċjoe li huwa kellu familja xi jmantni u kien qiegħed mingħajr introjtu u l-kumpannija qatt ma uriet rieda li b'xi mod tgħin b'xogħol alternattiv.

Madanakollu t-Tribunal kien fid-dmir li jidħol fil-mertu dwar jekk din ir-riżenja fil-fatt taqax fid-definizzjoni ta' *constructive dismissal*. Selwyn jgħid is-segwenti dwar *constructive dismissal*: *"Where the employee himself terminates the contract, with or without notice, in circumstances where he is entitled to terminate it without notice by reason of the employer's conduct: this is known as 'constructive dismissal', for although the employee resigns, it is the employer's conduct which constitutes a repudiation of the contract, and the employee accepts that repudiation by resigning. The employee must clearly indicate that he is treating the contract as having been repudiated by the employer (Logabox Ltd v Titherley), and if he fails to do so, by word or by conduct, he is not entitled to claim that he has been constuctively dismissed (Holland v Glendale Industries Ltd)."* Jekk wieħed jara l-fatti tal-każ fid-dawl ta' din id-definizzjoni u t-test użat fil-ġurisprudenza nostrana element wieħed importanti, u ċjoe dak fejn l-impjegat jirriżenja *'under protest'*, kien nieqes għaliex meta r-rikorrent bagħat ir-riżenja tiegħu huwa qal li qed jagħmel dan *'for medical reasons'*. Għalkemm fil-fehma tat-Tribunal, il-kumpannija setgħet stinkat aktar sabiex tgħin lir-rikorrent isib xogħol alternattiv, per eżempju setgħet informatu meta kien hemm vaganzi u b'hekk tagħtu opportunita sabiex japplika għal dawn il-vaganzi. Bl-aġir tagħha l-kumpannija ħalliet lir-rikorrent għal riħu, pero dan mhuwiex biżżejjed sabiex wieħed jiddeċiedi illi r-riżenja tar-rikorrent każ ta' *constructive dismissal*. It-Tribunal jirrimarka ukoll illi r-rikorrent qatt ma uża l-mekkaniżmu ta' *grievance* li huwa dritt tiegħu, kif inhu ta' kull impjegat, taħt il-ftehim kollettiv ukoll iwassal lit-Tribunal li jgħid li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma jwasslux sabiex jiġu sodisfatti l-elementi fid-definizzjoni ta' *constructive dismissal*.

Fir-rigward tal-asserzjoni tar-rikorrent li l-kumpannija kienet obbligata tagħti xogħol alternattiv lir-rikorrenti abbażi tal-obbligu ta' akkomodazzjoni raġjonevoli s-soċjeta fis-sottomissjonijiet finali tagħha rreferiet għall-fatt illi fir-rikors promotur, it-talba tar-rikorrent lit-Tribunal kienet li jiddikjara illi huwa ġie trattat b'mod inġust u għalhekk kien hemm terminazzjoni inġusta tal-impjieg tiegħu u kien imġiegħel u kostrett jirriżenja (*constructive dismissal*), li toħroġ kull ordni u/jew rimedju neċessarju sabiex jiġi rimedjat din l-azzjoni inġusta u jillikwida kumpens ġust, u dan b'riserva għal kwalunkwe dritt li r-rikorrent huwa intitolat jieħu quddiem awtoritajiet

kompetenti. Minħabba li fir-rikors promotur ma kien hemm l-ebda talba sabiex it-Tribunal jiddeċiedi fuq diskriminazzjoni abbażi ta' diżabbita, t-Tribunal ma huwiex ser jidħol fil-mertu ta' akkomodazzjoni raġjonevoli.

**Deċiżjoni**

It-Tribunal wara li eżamina x-xiehda kollha u t-trattazzjonijiet finali taż-żewġ partijiet, qed jiddeċiedi kif ġej.

Fil-fehma tat-Tribunal ma jissussistux l-elementi neċessarji sabiex ir-riżenja tar-rikorrent tikkostitwixxi *constructive dismissal* u għaldaqstant ma jilqax it-talbiet tar-rikorrent.

Għal finijiet tal-kapitlu 452 tal-liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffisati fl-ammont ta' €93.17.

B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**(iffirmata)**

Avv. Charmaine Cristiano Grech LL.D
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju